*Messaġġ mis-Segretarju Ġenerali*



Is-Sur Josef Borg

# Għaqda Ħajja



Naħseb li hija ħaġa naturali li meta wieħed ikun qed jipprepara biex jikteb il-messaġġ fil-ktieb tal-festa, żgur li l-ħsieb imur fuq x'għadda matul is-sena fil-ħajja tal-każin u għaliex le, avvenimenti oħra li seħħew b'mod speċjali fil-Mellieħa. Il-ħidma u l-attività fis-soċjetà llum ma tieqaf xejn tul is-sena kollha iżda ż-żmien ta' matul il-festa jibqa' l-aktar żmien impenjattiv li joħloq attività aktar mis-soltu.

Ma kienx fil-ħsieb tiegħi li noqgħod insemmi l-ħidma li flimkien wettaqna matul din is-sena, dan kollu tistgħu tagħmlu referenza għalih fid-djarju tas-soċjetà li jinsab f'dan il-ktieb. Iżda bla dubju ta' xejn il-prijorità ewlenija u ċ-ċentru tal-ħidma tagħna bħala Għaqda Mużikali hija l-Banda u llum il-ġurnata l-Kor ukoll għaliex le! Tajjeb li wieħed ikun jaf li sewwa fl-organizzazzjoni ta' programmi mużikali, kummissjonijiet tal-banda, preparamenti ta' mużika, provi tal-banda u kor u tagħlim ta' mużika hemm involuti ħafna riżorsi umani, li kieku ma kienx għall-ħidma volontarja tagħhom ma jkunx possibbli li jsiru tant attivitajiet. Ħafna drabi jkun hemm ambizzjonijiet għal affarijiet ġodda iżda huwa importanti li l-ewwel nikkonsidraw u nsaħħu dak li rnexxielna nwettqu sa llum, inżommu l-livell li rnexxielna naslu għalih u meta naraw li huwa ż-żmien xieraq inkomplu nżidu fuq dak li wettaqna s'issa.

F'dan il-kuntest aħna dejjem inżommu quddiem għajnejna li ma noħolqux piż żejjed fuq dawk kollha li joffru l-ħidma volontarja tagħhom u nippruvaw inkunu prudenti kemm huwa possibbli. Iżda żgur li dawn l-attivitajiet jilħqu s-suċċess mixtieq biss bl-impenn u s-sagrifiċċju ta' ħafna individwi. Dan huwa l-qofol ta' kollox, ir-riżors uman huwa l-perm ta' kull għaqda.

Bħala kumitat irridu naraw li bl-attività li noħolqu fis-soċjetà nkunu kapaċi nsostnu l-ħidma tagħna. Għalhekk il-ħidma tagħna hija waħda wiesa' fejn irridu nkunu kapaċi li nżommu l-attività ħajja fil-każin, waqt li nkunu kapaċi li niġġeneraw attività finanzjarja b'saħħita li permezz tagħha nkunu kapaċi nsostnu l-ħidma tagħna. Hawn ukoll inħoss li qegħdin mexjin b'ritmu tajjeb iżda wieħed tajjeb iżomm f'moħħu li l-ispiża finanzjarja ta' l-għaqda m'hijiex waħda żgħira. Dan kollu huwa biss possibbli bil-ħidma kollettiva ta' ħafna individwi, sewwa dawk li huma fuq in-naħa organizzattiva u anke dawk li jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet. Ma' dawn żgur ma nistax inħalli barra lil ħafna individwi u benefatturi li dejjem huma disposti li jgħinu lill-Għaqda tagħna.

F'dawn l-aħħar snin il-kumitat dejjem ħaseb li jkompli jsebbaħ il-każin. Matul din is-sena qed isir xogħol ta' tisbiħ fil-faċċata tal-każin waqt li komplejna nattrezzaw il-bar b'siġġijiet u mwejjed aktar moderni, li huma aktar komdi għal dawk li jiffrekkwentaw il-każin.

Jekk hemm xi probemi tekniċi li nkunu lħaqna solvejna forsi nkunu nistgħu nattrezzaw is-sala ewlenija tal-każin b'sistema ta' arja kundizzjonata. Biex stajna naslu għal dan kollu sibna l-għajnuna ta' diversi nies li offrew kemm il-ħidma tagħhom u anke dik finanzjarja.

Bħala Għaqda nħossuna onorati li din is-sena l-Għaqda Mużikali Imperial kienet onorata mill-Kunsill Lokali bl-unur "Ġieħ il-Mellieħa" bħala rikomoxximent għall-ħidma u l-kontribut li tat matul is-snin. Dan l-unur niddedikawh lil dawk kollha li stinkaw biex waqqfu u mexxew is-soċjetà matul dawn is-snin kollha li ħafna minnhom m'għadhomx magħna. Hawn nixtieq nagħti tislima xierqa lill-membri sħabna li ħallewna matul din is-sena. In-nuqqas fiżiku tagħhom ser nħossuh ġewwa l-Każin iżda żgur il-memorja tagħhom tibqa' f'qalbna għal dejjem.

Din is-sena ġew jew qed ikunu ċċelebrati numru ta' avvenimenti li huma ta' importanza fil-Mellieħa. Il-Mellieħa Scouts Group qed jiċċelebra l-għeluq il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tiegħu, il-Kumitat Sezzjonali Partit Nazzjonalista ċċelebra l-għoxrin sena mill-ftuħ tal-Każin, il-Mellieħa Sports Club kellhom staġun mill-aqwa fejn intrebħu l-promozzjonijiet kemm tat-tim tal-Futbol u anke dak tal-Baskitbol, waqt li f'dawn il-ġranet is-Soċjetà Filarmonika La Vittoria ser tiċċelebra l-għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-Banda. Nawgura lil dawn sħabna l-isbaħ xewqat u suċċess akbar fil-futur.

L-Għaqda tagħna wkoll għandna avveniment importanti x'niċċelebraw, l-għaxar sena minn mindu s-Surmast Anthony Borg ħa t-tmexxija tal-Banda. Għalkemm il-ħidma tas-Surmast Anthony Borg bdiet ferm qabel għaxar snin ilu, naħseb li f'dawn is-snin il-banda kompliet miexja 'l quddiem u nittama li hekk ukoll ser tkompli fil-futur.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil kull min b'mod jew ieħor ta s-sehem tiegħu b'riżq l-għaqda tagħna, nemmen li bil-ftit ta' kulħadd nkunu kapaċi nwettqu ħidma għaqlija fil-każin tagħna u l-Banda Imperial.